# IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Novembru 2013 — Rusal Armenal vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-512/09)** [1]

*("Dumping — Importazzjonijiet ta' ċerti folji tal-aluminju li joriġinaw mill-Armenja, mill-Brażil u miċ-Ċina — Adeżjoni tal-Armenja mad-WTO — Status ta' impriża li topera f'ekonomija tas-suq — Artikolu 2(7) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 — Kompatibbiltà mal-ftehim antidumping — Artikolu 277 TFUE")*

(2013/C 367/48)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Rusal Armenal ZAO (Erevan, l-Armenja) (rappreżentant: B. Evtimov, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment J.-P. Hix, aġent, assistit minn G. Berrisch u G. Wolf, avukati, sussegwentement J.-P. Hix u B. Driessen, aġent, assistiti minn G. Berrisch, u fl-aħħar nett J.-P. Hix u B. Driessen)

*Intervenjenti insostenn tal-konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. França u C. Clyne, aġenti)

## Suġġett

Talba għall-annullament tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 925/2009, tal-24 ta' Settembru 2009, li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerta fuljetta tal-aluminju li joriġinaw mill-Armenja, mill-Brażil u mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 262, p. 1).

## Dispożittiv

(1) *Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 925/2009, tal-24 ta' Settembru 2009, li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerta fuljetta tal-aluminju li joriġinaw mill-Armenja, mill-Brażil u mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina huwa annullat fir-rigward ta' Rusal Armenal ZAO.*

(2) *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż ta' Rusal Armenal.*

(3) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

[1] ĠU C 80, 27.03.2010.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Novembru 2013 — Capitalizaciones Mercantiles vs UASI — Leineweber (X)**

**(Kawża T-378/12)** [1]

*("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva Komunitarja X — Trade mark figurattiva Komunitarja preċedenti X — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Natura distintiva tat-trade mark preċedenti — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")*

(2013/C 367/49)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Capitalizaciones Mercantiles Ltda (Bogotá, il-Kolombja) (rappreżentanti: J. Devaureix u L. Montoya Terán, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Leineweber GmbH & Co. KG (Herford, il-Ġermanja) (rappreżentanti: S. Jackermeier u D. Wiedemann, avukati)

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-15 ta' Mejju 2012 (Każ R 1524/2011-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Leineweber GmbH & Co. KG u Capitalizaciones Mercantiles Ltda.

## Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Capitalizaciones Mercantiles Ltda hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 366, 24.11.2012